MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH S. REFALO**

Seduta ta' l-24 ta' Gunju, 2003

Talba Numru. 1223/2001/1

**Middlesea Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet ta' Wembley Motors Ltd.**

**vs**

**John Galea, u b'digriet tas-7 ta' Mejju, 2002 gie kjamat in kawza Keith Galea, u b'digriet tal-25 ta' Frar, 2003, intervenew fil-kawza in statu et termine "Lloyds Malta Limited fil-kwalita' taghha ta' rappresentanti ex lege u ghalhekk ghan-nom tal-membri ta' Lloyds li jiffurmaw is-sindakat ta' Lloyds li joperaw taht l-isem ta' Ensign Motor Policies at Lloyds**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-16 ta' Ottubru, 2001 fejn intalab il-hlas ta' erba' mija u hamsa u tmenin lira Maltija u erba' centezmi (Lm485.04), u fejn intqal:**

Illi s-socjeta` attrici bhala assikurattrici ta' Joseph Pisani hallset l-ammont pretiz wara incident awtomobilistiku li gara fit-13 ta' Jannar, 2001 fi Triq il-Bajja ta' San Giljan bejn il-vettura HVY-006 misjuqa minn Joseph Pisani u l-vettura BAG-228 misjuqa mill-konvenut;
Prevja d-dikjarazzjoni li l-konvenut kien unikament responsabbli ghall-incident de quo;
Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali mibghuta llum stess fil-konfront ta' l-assikuraturi tal-konvenut u bl-imghax legali mid-data tan-notifika ta' l-avviz kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut John Galea prezentata fit-18 ta' Dicembru, 2001, fejn intqal:
i. illi t-talba kif dedotta ghandha tigi michuda stante illi l-konvenut ma kienx qieghed isuq il-vettura dakinhar ta' l-incident.
ii. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-incident sehh minaba f'traskuragni u nuqqas ta' hsieb da parti ta' Joseph Pisani, kif jidher carament mill-iskizz tal-Pulizija, u ghalhekk il-konvenut ma ghandux ibaghti l-konsegwenzi ta' tali incident;
iii. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, id-danni reklamati huma eccessivi;
iv. Salv eccezzjonijiet ohra.

Semgha x-xhieda ta' Jean Portelli, PS 547 Martin Agius, Giuseppe Pisani u Dr Simon Micallef Stafrace. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ikkunsidra:
1. Dan il-kaz jirrigwarda danni minn incident awtomobilistiku li sehh fit-13 ta' Jannar, 2001 fi Triq il-Bajja ta' San Giljan, bejn il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni HVY-006 misjuqa minn Giuseppe Pisani, u l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni BAG-228 misjuqa minn Keith Galea.
2. L-attur xehed li hu kien wieqaf u ra vann gej sparat ghal fuqu, u sehhet il-kollizzjoni. Jghid li hu waqaf kif indikat fl-isketch. L-attur kien gej mid-direzzjoni ta' Bay Street sejjer fid-direzzjoni ta' St.

**Andrew's Bar, filwaqt li l-kjamat in kawza kien gej mid-direzzjoni opposta. Jirrizulta li kien hemm karrozzi pparkjati fuq in-naha ta' Villa Rosa u fuq in-naha l-ohra.**

**3. Skond ma' jirrizulta mir-Road Accident Report il-kjamat in kawza qed jghid li l-attur dar minn hdejn Villa Rosa, filwaqt li l-attur isostni li kien wieqaf, kif fil-fatt xehed. Da parti tieghu l-kjamat in kawza ma xehedx, ghalkemm kellu kull opportunita` li jaghti d-deposizzjoni tieghu.**

**4. Jekk wiehed jara l-isketch esebit a fol 21, wiehed jinnota li tassew il-kjamat in kawza ma kienx ghaddej b'mod diligenti, tenut kont li kienu l-11.30pm, u li kien hemm vetturi parkeggati fuq iz-zewg nahat tat-triq, li b'hekk giet ridotta hafna fil-wisgha taghha. It-Tribunal hu soddisfatt li tassew l-attur waqqaf, u li l-kjamat in kawza, minhabba l-velocita` li kien gej biha, ma lahaqx waqqaf fil-hin. It-Tribunal hu tal-fehma li fid-dawl ta' dak li ntqal l-incident sehh unikament tort tal-kjamat in kawza Keith Galea.**

**5. Id-danni jinsabu konfermati fl-ammont mitlub, skond ma xehed Jean Portelli, Motor Claims Executive ghal Global Insurance Brokers.**

**Ghaldaqstant peress illi ghall-incident in kwistjoni kien jahti unikament il-kjamat in kawza, it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-kjamat in kawza ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' erba' mija u hamsa u tmenin lira Maltija u erba' centezmi (Lm485.04) bl-imghax legali mill-5 ta' Lulju, 2002.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati mill-kjamat in kawza Keith Galea, hlief ghall-ispejjez tal-konvenut John Galea li ghandhom ikunu a karigu tas-socjeta` attrici.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------